MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 1/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**Vs**

**Paul Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Gunju, 1997 u f'dawn l-ahhar tnax il-xahar qabel din id-data:

a) minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi, bhala persuna li ma hiex negozzjant awtorizzat f'Malta w barra minn Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin u cioe' Dollari Amerikani, minghand, jew biegh jew issellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna

ohra li ma hiex negozzjant awtorizzat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 (1) tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi, bhala persuna li ma hiex negozzjant awtorizzat f'Malta, ghamel xi haga li tinvolvi, li ghandha x'taqsam ma jew li hija preparatorja ghal xiri jew self ta' xi deheb jew flus barranin u cioe' Dollari Amerikani minnghand, jew biegh jew issellef xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani lil, xi persuna barra minn Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) bhala persuna li ma hiex negozzjant awtorizzat, li kellu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani, f'Malta, u bhala persuna residenti f'Malta li kellu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani barra minn Malta, naqas li joffri dak id-deheb jew il-flus barranin cioe' dollari Amerikani, jew ra li jigu offerti, ghall-bejgh lin-negozzjant awtorizzat, kemm il-darba l-Ministru ma jaghtix il-kunsens sabiex izzommhom u juzhom jew jekk ma ddisponix minnhom favur xi persuna ohra bil-permess tal-Ministru w dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 (1) tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi ttenta jimporta f'Malta jew esporta barra minn Malta xi biljetti tal-flus jew muniti li huma jew li kienu f'xi zmien valuta legali f'Malta u cioe' dollari Amerikani u dan bi ksur ta' l-Artikolu 11 (1) tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi, ittenta jesporta barra minn Malta xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani u dan bi ksur ta' l-Artikolu 11 (2) tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) f'isem il-kontrollur tad-Dwana, talli fil-11 ta' Gunju 1997, gewwa l-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, meta huwa kien sejjer ihalli Malta fuq it-titjira KM1302 lejn Amsterdam, xjentement naqas li jiddikkjara lill-Awtoritajiet kompetenti, w wara tfixxija li saret minn Ufficjali tad-Dwana w tal-Pulizija nstab li kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu s-somom fi flus kontanti w cioe' 81,000 Dollari Amerikani, 1010 Guilders Olandizi w 227 Liri Maltin, kif murija wkoll fid-dokument JE 34/97 datat 11.6.1997, liema ammonti ta' flus jeccedu dak stipulat bil-ligi w dan bi ksur ta' l-Artikoli

60 (f)(g) u 62 (1) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-kambju tal-Ligijiet ta' Malta;
g) talli uza, ttrasferixxa l-pussess ta', baghat jew ikkonsenja lil xi persuna jew post, akkwista, rcieva, zamm, ittrasporta, ittrazmetta, oltera, ddispona minn jew b'xi mod iehor innegozja bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, propjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-propjeta' bil-hsieb li jahbi jew jikkonverti dawk il-flus jew dik il-propjeta' jew dak ir-rikavat u kien jaf jew kellhu suspett li dawk il-flus jew propjeta' kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu gew miksuba jew ricevuti direttament jew indirettament bhala risultat ta' l-ghemil ta' reat imsemmi fis-sub-artikolu (1) jew fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1)(d) u (1)(e) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 jew xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra minn dawn il-gzejjer li jekk isir f'dawn il-Gzejjer ikun jikkostitwixxi reat taht is-sub-artikolu (1) jew il-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1)(d) ta' l-istess Kapitolu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Dicembru, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 101 u l-artikoli 3, 4, 5, 11 u 14 tal-Kap. 233 sabet lill-imputat hati tal-akkuzi hlief u minbarra l-akkuza taht il-Kap. 37 cioe' l-Ordinanza tad-Dwana, w ikkundannatu kumplessivament tlett snin prigunerija w multa ta' LM31,522. Ordnat ukoll il-konfiska tal-flus elevati (Art. 42 tal-Kap. 233).

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Borg minnu pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu mhux hati tal-akkuzi taht il-Kap. 37, thassarha w tikkancellha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuzi kollha taht il-Kap. 233 u l-Kap. 101 u minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet kollha, ghajr dik li

tikkoncerna l-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjoni taht il-Kapitolu 37, u fejn giet ordnata l-konfiska tal-flus kollha esebiti, thassaraha w tirrevokaha fil-bqija, inkluz l-piena inflitta, u minflok, issib u tiddikjara htija wkoll fl-imputat skond l-imputazzjoni taht l-imsemmi Kapitolu 37 u tinfliggi piena aktar gusta w li taghmel ghall-kaz fid-dawl ta' dan is-sejbin addizzjonali ta' htija, specjalment fid-dawl ta' l-piena li l-ligi timponi li ghandha tigi nflitta skond l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Paul Borg fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni jew applikazzjoni hazina jew inkompleta tal-ligi meta sabitu hati tar-reat ta' hasil ta' flus taht l-artikolu 22 [1] [c] tal-Kap.101; illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni w applikazzjoni hazina tal-ligi meta sabitu hati tal-ewwel, it-tieni , t-tielet u r-raba akkuzi w cioe' dawk taht l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju ghax il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova li l-appellant ma kellux l-awtorizzazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi ; 3. illi subordinatament u bla pregudizzju , l-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti w dan peress illi mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda wiehed mir-reati stipulati fl-artikolu 4(1) (2) , 5 (1) u 11 (1) u (2) tal-Kap.233;

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. illi l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat Paul Borg mill-imputazzjoni migjuba kontrieh taht l-Ordinanza tad-Dwana ghaliex meta l-esportazzjoni ta' oggetti jinvolvu flus , hu certament applikabbli ghall-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 16 (1) u (2) tal-Kap.233 ; 2. li l-Ewwel Qorti naqset li tikkundanna lill-appellat ghall-hlas tal-ispejjez tal-perizji li saru skond nomina li saret fil-kors tal-kumpilazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni w d-difiza;

Rat in-Nota ta' riferenzi w osservazzjonijiet tal-Avukat Generali pprezentata fit-30 ta' Mejju, 2003;

Rat in-Nota ta’ riferenzi w responsiva ta’ Paul Borg tal-15 ta’ Lulju, 2003;

Rat id-Digriet Taghha tad-29 t’ Awwissu, 2003, li bih tat zmien lill-prosekuzzjoni w d-difiza sabiex b’noti jaghmlu sottomissjonijiet jekk jixtiequ dwar il-punt rilevat minn din il-Qorti li r-rikors tal-appellant Paul Borg jindika data zbaljata tas-sentenza appellata fl-unika riferenza ghall-data li dar-rikors jikkontjeni ;

Rat in-nota tal-prosekuzzjoni tal-4 ta’ Settembru, 2003 li biha ddikjarat li l-indikazzjoni hazina fid-data tas-sentenza appellata fl-okkju tar-rikors intavolat minn Paul Borg tidher li kienet semplicement “lapsus calami” u dana anki fid-dawl ta’ dak li enuncjat din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet : “Il-Pulizija vs. Joseph Cini” , deciza fit-23 t’ April, 1992.

Rat in-Nota tad-difiza tad-9 ta’ Settembru, 2003 dwar dan il-punt fejn ukoll invokat il-kaz ta’ “lapsus calami” , kif ukoll ir-rikors tal-istess data li bih din il-Qorti giet mitluba li tawtorizza l-korrezzjoni tar-rikors tal-appell billi, fejn taht l-okkju hemm indikata d-data tas-sentenza appellata, bhala “**2** ta’ Dicembru, 2002” din tigi sostitwita bid-data “**3** ta’ Dicembru, 2002”;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel punt li ghandu jigi trattat ovvjament hu dak li jirrigwarda n-nullita’ w l-irritwalita’ tar-rikors tal-appell tal-appellant Paul Borg. Issa mill-ezami tal-istess rikors , jirrizulta li fil-korp tieghu ma tissemmiex id-data tas-sentenza appellata, la fil-premessi fejn saret riferenza ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti w lanqas fil-parti li tikkontjeni t-talba ghar-riforma tas-sentenza fl-ahhar paragrafu tal-istess rikors. Mhux hekk biss , imma l-unika riferenza li hemm ghad-data tas-sentenza appellata, taht l-okkju tal-kawza fl-istess rikors hija zbaljata ghaliex minnflok ma tindika d-data korretta , tindika testwalment **: “Deciza : 2 ta’ Dicembru 2002” .**

Illi fl-appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Donald Spiteri” [23.4.1992] kien gie ritenut li :-

*“Il-htiega li r-rikors tal-appell ikun fih , taht piena ta’ nullita’, t-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri , ragonevolment u necessarjament tfisser li ghandha tigi indikata s-sentenza appellata w l-Qorti li ppronunzjata.”*

Il-htiega ta’ dan ir-rekwizit giet dejjem interpretatata b’mod rigidu mill-gurisprudenza taghna w rikorsi tal-appell gew dikjarati nulli ghall-ragunijiet analogi . Hekk fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Wenzu Degabriele” [6.10.1992] in-nuqqas t’indikazzjoni fir-rikors tal-appell ta’ liema kienet il-Qorti li tat is-sentenza li minnha sar l-appell gie ritenut li jirrendi l-appell null. Il-fatt li rikors ma kienx iffirmat minn Avukat ukoll irrenda l-appell null [App. Krim. “Pulizija vs. Charles Saliba” ; 28.6.2001] u hekk ukoll gie ritenut fejn sar appell b’isem zbaljat [ App. Krim. “Il-Pulizija vs. John Muscat” 30.1.1986] .

F’dan l-ahhar appell kien gie ritenut li :-

*“Ghalkemm il-Qorti , fejn hu possibbli, tipprova ssalva l-appelli li jigu quddiemha meta dawn ikollhom xi difett li jista’ jigi sanat minghajr ma tigi miksura l-ligi tal-procedura , meta l-legislatur hu tassattiv , ma tistax u m’ghandix il-Qorti tinjora l-procedura biex issalva l-interessi ta’ naha jew ta’ ohra.”*

Illi umbaghad kif ukoll gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Lilian Pace Moore et” [VGD; 3.12.2002]

*“L-artikolu 174, 175 u 789 tal-Kap.12 ma humiex applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta’ gurisdizzjoni kriminali . Umbaghad l-artikolu 520 tal-Kap.9 jisepecifika b’mod car liema huma id-dispozizzjonijiet tal-Kap.12 applikabbli ghall-procedura penali w n-nullita’ komminata fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali hija wahda tassattiva.” (ara pero decizjoni f’ sens oppost : Regina vs. Micallef [17.12.59] citata b’approvazzjoni fl-Appell*

*Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Cumbo" [15.2.58] ; Vol. XLII. iv. p.1260)*

Ghalkemm l-istess gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Joseph Cini" [23.4.1992] , donnu nfetah xaqq ta' flessibilita' f' kazijiet fejn si trattava ta' xi zball tal-pinna w mhux ta' nuqqas sostanzjali . Hekk intqal li :-

*"Fost ir-rekwiziti tar-rikors tal-appell mehtiega taht piena ta' nullita' fl-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali, hemm dik li r-rikors ghandu jkun hemm it-talba ghar-revoka jew riforma 'tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri'. Ragonevolment interpretat dan ir-rekwizit ifisser li ghandu jkun hemm imsemmi fir-rikors liema hija s-sentenza appellata. (Vol. XXXI. IV. P.394). Fil-procedura kriminali ma hemmx dispozizzjoni li biha l-Qorti tista' tirrimedja ghal difett simili . Inoltre gie ritenut li zball fir-rikors tal-appell huwa rettifikabbli meta jidher car li si tratta ta' semplici "lapsus calami" u mhux ta' nuqqas sostanzjali . [XLII. iv.p.1260]. "*

Dan l-ahhar kaz : "Il-Pulizija vs. Joseph Cumbo" gja fuq imsemmi kien wiehed fejn fit-talba konkluzzjonali l-appellant, bi zball ,kien talab revoka ta' sejbien ta' htija t' imputazzjoni fejn fil-fatt kien gie liberat u konferma ta' liberazzjoni minn imputazzjoni ohra fejn fil-fatt kien instab hati. Il-Qorti, preseduta mill-Imhallef W. Harding kienet irriteniet li :-

*"Hu car li si tratta ta' semplici "lapsus calami" …Dan hu ghalhekk zball rettifikabbli , ghaliex si tratta mhux ta' xi nuqqas sostanzjali , imma ta' semplici skambju ta' kelma ….Dan s'intendi ma jfissirx li ma jibqax dejjem sommament deziderabbli li r-redazzjoni tal-iskritturi gudizzjarji ghandha ssir , mhux f'mod konfuzjonarju u zbadatament , imma b'dik id-diligenza u akkuratezza li tixraq ghas-serjeta' u delikatezza tal-preoceduri gudizzjarji."*

Ghalhekk dik il-Qorti kienet ordnat il-korrezzjoni opportuna w ordnat li l-kawza kellha titkompla.

Fil-kawza ta' Cini appena citata fejn l-Ewwel Qorti li kienet tat is-sentenza appellata ma kienetx giet indikata fir-rikors tal-appell , din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li :- "*l-ommissjoni in kwistjoni fir-rikors tal-appell odjern hija ghar-ragunijiet premessi certament sostanzjali b'mod li ma tistax tigi rimedjata b' korrezzjoni u ggib in-nullita' tar-rikors."* U l-Qorti kienet cahdet talba ghall-korrezzjoni tar-rikors u laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali w ddikjarat r-rikors tal-appell irritu w null.

Fil-kaz in ezami , din il-Qorti ghalkemm thoss li s-sentenza appellata kellha tigi ndikata bi precizjoni ghal dak li jirrigwarda d-data meta nghatat kemm meta tissemma fil-premessi tar-rikors kif ukoll fit-talba konkluzzjonali – jew ghall-inqas f' xi wiehed minn dawn il-paragrafi – u mhux biss taht l-okkju tal-kawza fejn strettament ma kienx hemm il-htiega li tigi hemm indikata id-data tas-sentenza appellata, mill-banda l-ohra ma tistax tinjora l-fatt li din l-indikazzjoni fil-fatt saret, sia pure fl-okkju tar-rikors . Id-diffikolta' principali gejja mill-fatt li anki fejn giet indikata , giet indikata b'mod impreciz ghax id-data tas-sentenza kienet gurnata wara w cioe' fit-**3** minnflok fit-**2** ta' Dicembru, 2002.

Pero' , ghalkemm din il-Qorti hasset li kellha tissoleva dan il-punt "ex officio" , in vista tal-fatt li l-istess Avukat tal-Prosekuzzjoni , fin-nota tieghu fuq referita accetta li dan kien kaz ta' "lapsus calami" w li allura, b' implikazzjoni, hu rettifikabbli skond is-sentenza minnu stess iccitata fl-istess nota, din il-Qorti qed tilqa t-talba tal-appellant Borg ghall-korrezzjoni tar-rikors fis-sens li n-numru "**2**" fl-okkju tar-rikors tal-appell jigi sostitwit bin-numru "**3**" , fir-rigward tad-data tas-sentenza appellata w b'hekk gie rettifikat dan in-nuqqas u l-Qorti ghalhekk ser tkompli tinvesti l-mertu tar-rikors tal-appellant Borg .

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Paul Borg jirrigwarda s-sejbien ta' htija taht l-artikolu 22 (1)( c ) tal-Kap.101. L-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta rriteniet li ladarba l-appellant kien akkuzat bir-reat ta' hasil ta' flus taht il-Kap.101 u galadaba saret il-prova tal-pussess effettiv da parti tieghu w hu kien ezercita d-dritt li

jibqa’ sieket , allura , bhala rizultat tal-applikazzjoni tas-sub-inciz (b) l-akkuza ta’ hasil ta’ flus giet sufficjentement pruvata . L-appellant jghid li kieku l-artikolu 22 (1C) (a) u (b) kellu jigi interpretat b’dan il-mod, allura l-prosekuzzjoni tkun giet moghnija bil-fakolta’ illi kull meta jkollha quddiemha persuna li fil-pussess taghha jkunu nstabu xi flus u liema persuna taghzel li tibqa’ siekta (kif inhu daltronde dritt sagrosant taghha li suppost ma jgib ebda konsegwenza kontriha), l-Pulizija taqbad u takkuzah b’reat taht l-artikolu 22 (1C) tal-Kap.101 sabiex tkun tista’ tizgura kundanna tal-istess u dan indipendentement mill-fatt li tali persuna ma jkollha ebda konnessjoni mad-droga w fil-fatt anqas tkun qed tigi investigata ghal xi reat relatat mad-droga jew li jmur kontra l-Kap.101.

Illi ghal din is-sottomissjoni l-Avukat Generali llimita ruhu li jirrispondi telegrafikament (u forsi ukoll b’mod kemmxejn enigmatiku) billi ghamel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza erogata fil-kawza **“Republika ta’ Malta vs. John Vella” [29.11.1999].**

Pero’ fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu , l-appellant Borg jirribadixxi billi proprju jiccita branijiet minn din is-sentenza biex isahhah l-argument tieghu w senjatament fejn dik il-Qorti (kolleggjali) rriteniet li ghalkemm :-
*“…l-Avukat Generali jista’ jakkuza persuna bir-reat ta’ “money laundering” minghajr ma jkollu sentenza ta’ kundanna ta’ dak li jkun qed jigi allegat li huwa l-attivita’ kriminali sottostanti ….Certament pero’ , ikun x’ikun il-kaz, jekk l-Avukat Generali jiddeciedi illi jakkuza lil xi hadd b’ ”money laundering” …irid jindika n-ness bejn l-attivita’ kriminali sottostanti PARTIKOLARI li jkun qieghed jallega .”*

*“Mhux kull akkwist , mhux kull konversjoni ta’ trasferiment ta’ proprjeta’ , mhux kull habi jew wiri ta’ proprjeta’ necessarjament jammonta ghall-money laundering , ANKI JEKK L-AKKUZAT IKUN KRIMINAL INKALLIT . Din hi ligi straordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana w li tirrikjedi applikazzjoni bl-akbar skruplu w attenzjoni biex ma tigix reza fi strument t’ingustizzja , iktar*

*reminixxenti taz-zmienijiet tal-inkwizizzjoni minn dawk tal-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem. “*

u aktar l-isfel fis-sentenza citata, jintqal li jekk l-Avukat Generali fid-diskrezzjoni tieghu jirrikorri ghall-akkuza li tinkwadra attivita’ sottostanti ben specifika , allura jkun *“…..impellenti u necessarju illi jigi deskritt b’mod inekwivoku n-ness bejn l-attivita’ sottostanti u l-allegat money laundering.”*

L-appellant Borg ikompli jissottometti li fil-kaz prezenti ladarba l-Avukat Generali akkuzah b’hasil ta’ flus a tenur tal-Kap.101, huwa ntrabat li jkollu jipprova attivita’ kriminali sottostanti partikolari w cioe’ attivita’ li tkun qed issir bi ksur tal-istess Ordinanza biss (Kap.101) kif daltronde jirrikjedi l-istess Artikolu 22 (1 C) u dan il-prosekuzzjoni naqset li taghmlu.

Issa hu minnu li ghalkemm is-sentenza ta’ Vella hawn fuq citata kienet tirriferi ghall-akkuza taht l-Att dwar il-Money Laundering u mhux taht il-Kap.101 u l-mertu tal-gudizzju kien wiehed li jirrigwarda eccezzjoni ta’ nullita’ tal-att tal-akkuza w li n-ness imsemmi f’dik is-sentenza kien dak bejn il-fatti allegati fil-parti narrativa w r-reat prospettat fil-parti akkuzatorja tal-att tal-akkuza, din il-Qorti thoss li dak li qalet il-Qorti kollegjali “obiter” , isib postu fil-konsiderazzjoni li trid taghmel din il-Qorti fir-rigward ta’ dan l-aggravju.

Illi l-artikolu 22 (1C) tal-Kap.101 jghid li :-

*“(a) persuna tkun ukoll hatja ta’ reat kontra din l-Ordinanza jekk tuza , tittrasferixxi l-pussess ta’, tibghat jew tikkonsenja lil xi persuna jew post , takkwista, tircevi, izzomm, tittrasporta, tittrasmetti, toltera, tiddisponi minn jew b’xi mod iehor tinnegozja , bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz xi flus….jew xi rikavat minn dawk il-flus …bil-hsieb li tahbi jew tikkonverti dawk il-flus …..jew dak ir-rikavat u tkun taf jew ikollha suspett li dawk il-flus ..kollha jew parti minnhom , jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu , ikunu gew miksuba jew ricevuti , direttament jew indirettament bhala rizultat ta’ –*

*(i) l-eghmil ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1) jew fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1D) jew fis-subartikolu (1E) ; jew*
*(ii) xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra minn dawn il-Gzejjer li jekk isir f'dawn il-Gzejjer ikun jikkostitwixxi reat taht is-subartikolu (1) jew il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1D).*

*(b) Fi procedimenti ghal reat taht il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu , meta l-prosekuzzjoni iggib prova li l-imputat jew akkuzat ma jkun ta ebda spjegazzjoni ragonevoli li turi li dawk il-flus , proprjeta' jew rikavat ma kienux flus , proprjeta' jew rikavat kif deskritt fl-imsemmi paragrafu , l-oneru li jipprova l-provenzjenza lecita ta' dawk il-flus , proprjeta' jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkuzata. "*

Minn ezami w qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza (Kap.101) u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal- Kap. 373, ossia l-Att tal-1994 kontra Money Laundering , fejn l-attivita' kriminali sottostanti tista' tkun varja w tirriferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda tal-istess Att , irid al menu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu s-suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni tal-Ordinanza (Kap.101) u dana qabel ma tiskatta l-inversjoni tal-oneru tal-prova fuq l-akkuzat kontenuta fil-paragrafu (b) appena fuq riprodott .

Inkella jigri , kif tajjeb ipprospettat id-difiza, li kull min jinstab fil-pussess ta' flus , proprjeta' jew rikavat u ma jatix spjegazzjoni tal-provenjenza lecita tieghu , jista' jigi processat skond il-Kap. 101, meta fil-fatt qatt ma kellu l-icken konnessjoni mad-drogi jew medicini perikoluzi f'hajtu . Setgha din li tista' tati lok ghall-abbuz mis-sistema legali minn prosekuzzjoni malintenzjonata jew traskurata fl-investigazzjoni taghha.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-process biex tara jekk dan in-ness li semmiet il-Qorti tal-Appell kollegjali fis-sentenza

fuq citata jezistix f’ dan il-process. Hu fatt li ebda wahda mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra l-appellant ma tirrigwarda ksur ta’ xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Kap.101. Il-fedina penali lokali tal-appellant esebita fil-process (fol. 6) ma turi ebda vjolazzjoni li ghandha x’ taqsam mall-Kap.101 u turi biss kundanna wahda ghall-attruppament fejn sar reat kontra l-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b’ ghajjat u glied . Ma ingabet lanqas bidu ta’ prova li f’ dan il-kaz kien hemm xi konnessjoni kwalsiasi mad-droga, anzi mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (fol. 36 et seq u fol-42 et seq.) gie eskluz bl-aktar mod kategoriku li xi oggetti li elevaw il-Pulizija mid-dar tal-appellant Borg u li huma ssuspettaw li kellhom x’jaqsmu mad-droga kellhom xi tracci ta’ sustanza jew medicina illegali . L-ewwel riferenza ghad-droga tinsab fl-ewwel xhieda tal-Ispettur Neville Aquilina (fol. 21 in calce ) fejn intqal testwalment hekk :-

*“Kienet sussegwentement saret tfittxija fir-residenza tal-imputat . Jien ma hadtx sehem fiha pero’ kont infurmat illi mir-residenza tal-imputat kien gie elevat xi mizien u pipa li normalment tintuza ghall-abbuz tad-droga.”*

Pero’ din ix-xhieda , apparti li tirrigwarda “hearsay evidence” bazata fuq opinjoni w ghalhekk mhux ammissibbli bhala prova , kif irrizulta mir-relazzjoni tal-espert Spizjar Mifsud appena citata , hi ghal kollox infondata bhala fatt ghax fuq dawn l-oggetti ma nstabet ebda tracca ta’ droga jew sustanza projbita.

Umbaghad a fol. 22 l-istess xhud kompla jghid : -

*“Minn investigazzjonijiet li ghamilt mal-Interpol gejt infurmat li l-imputat kellu xi inkwiet mal-gustizzja in konnessjoni mad-droga” .*

A fol. 275 et seq , Vol. III tal-process umbaghad l-Ispettur Neville Aquilina rega xehed u esebixxa “conviction sheet” ta’ l-imputat aggornata (sa dak in-nhar ovvjament) li giet ricevuta fuq domanda espressa tal-Pulizija Maltija mill-Interpol ta’ Londra.

Issa apparti li din il-“conviction sheet” (Dok. NA 10 a fols. 276 sa 279 ) ma giet awtentikata minn hadd , ma ggib il-firma ta’ hadd u ma ggib is-sigill jew arma ta’ ebda enti jew awtorita’ w tidher li hi biss “print-out” ta’ xi “fax” jew “e-mail” , u ghalhekk il-valur probatorju taghha hu ferm dubbjuz , din tirriferi ghall-sejbien ta’ htija mic-Central Criminal Court Ingliza fis-**16 ta’ Marzu, 1984** li umbaghad giet varjata b’sentenza tal-appell tas-**7 ta’ Dicembru, 1984** , dwar akkuzi ta’ ghejxien minn fuq il-qliegh ta’ prostituzzjoni , frodi u pussess ta’ xi droga kontrollata mhux specifikata .

Hu ovvju li bit-trapass ta’ **tnax il-sena w nofs** bejn din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Ingliza w data tal-11 ta’ Gunju, 1997 meta hu nqabad hiereg bil-flus minn Malta , ma kienx hemm ebda ness sinifikanti jew materjali li jista’ b’ xi mod iwassal lil wiehed li jikkonkludi li l-flus inkriminati kellhom b’xi mod x’jaqsmu mar-reati li taghhom kien instab hati l-appellant f’ Londra daqstant snin qabel.

Jigi notat ukoll li l-Ispettur Alexandra Mamo li kienet tmexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet iddikjarat fl-udjenza tat-28 t’ April, 1998 (fol. 288 Vol. III tal-process) ,disa xhur wara li kienet bdiet il-kumpilazzjoni , li ma kienetx f’pozizzjoni tghid jekk l-imputat kellux inkwiet dwar id-droga.
B’dana kollu fir-rinviju sussegwenti w cioe‘ fil-25 ta’ Gunju, 1998 (Fol. 291) l-Ispettur Neville Aquilina iddikjara – pero’ mhux bil-gurament - li l-imputat kien precedentement investigat dwar pussess ta’ droga w kienu effettivament ittiehdu proceduri kriminali li jinsabu decizi .

L-Ispettur Aquilina pero’ qatt ma kkonferma jew issostanzja din l-allegazzjoni bil-gurament , qatt ma qal wara kollox x’kien l-ezitu tal-proceduri li kienu gew decizi w qatt ma esebixxa xi fedina penali aggornata li tati indikazzjoni ta’ xi kundanna dwar drogi imma halla kollox vag u lakoniku b’mod li jista’ jfisser hafna jew ma jfisser xejn u li zgur ma jaghmel ebda prova skond il-ligi .

Ovvjament u bir-ragun l-Avukat Generali ma kienx sodisfatt b’din id-dikjarazzjoni lakonika tal-Ispettur Neville

Aquilina w l-esebizzjoni ta' din il-"conviction sheet" Ingliza w ghalhekk ghamel mhux inqas minn wiehed u ghoxrin (21) rinviju lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fuq firxa ta' zmien bejn it-28 ta' Lulju,1998u27ta'Novembru,2000(fols.293,297,300,303,308,313,316,319,322,325,328,331,334,339,342,345,348,351 u 356 ) fejn kien regolarment u ripetutament jitlob "inter alia" li l-Qorti :-

*"terga tisma lill-Ispettur Aquilina* ***BIEX IKUN AKTAR SPECIFIKU U JAGHTI X-XHIEDA TIEGHU BIL-GURAMENT*** *U GHAL KULL BUON FINI JIKKUNTATTJA L-AWTORITAJIET OLANDIZI BIEX JARA BARRA GHANDHOMX RECORDS DWAR L-IMPUTAT PERESS LI JRIDU JSIRU L-PROVI RELATTIVI GHALL-AKKUZA ( G ) . Il-prosekuzzjoni ghandha taghmel l-ahjar taghha fic-cirkostanzi ."* (emfasi ta' din il-Qorti) .

Mela l-Avukat Generali stess hass li kien ghad fadallu jaghmel il-provi dwar l-ahhar akkuza (g) li kienet tirrigwarda il-"money laundering" u dam jistenna li din il-prova ssir ghal mhux inqas minn sentejn u erba xhur b'rinviji ghal xejn u li ma taw ebda frott .

Di fatti wara daqstant rinviji , fl-ahhar rega' xehed l-Ispettur Aquilina f'zewg okkazjonijiet (fols. 353 u 358) u qal li fuq talba tal-Avukat Generali kien ikkuntattja l-Awtoritajiet Olandizi , cioe' l-Interpol fl-Olanda f' The Hague u tawh indikazzjonijiet negattivi fis-sens illi qalulu li ma kien irrizultalhom xejn dwar l-appellant Paul Borg u ma kellhom ebda records kriminali dwaru . Fit-tieni depozizzjoni tieghu qal li gie infurmat li l-Interpol Olandiza ma jzommu l-ebda records dwar nies li setghu gew biss investigati u jzommu biss records ta' nies li huma jew ricerkati jew processati u li dwar Paul Borg ma kellhom assolutament xejn. (fol. 358) . Dwar l-allegazzjoni tieghu fuq imsemmija li l-appellant Borg kien gie investigat dwar drogi w li kienu ttiehdu passi kontra tieghu li gew decizi pero' baqa' ma semma xejn bil-gurament u ghalhekk din l-allegazzjoni , ghalkemm verbalizzata, baqghet biss allegazzjoni w qatt pruvata skond il-ligi.

F’dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma tara ebda konnessjoni lanqas remota jew “prima facie” bejn il-fatti tal-11 ta’ Gunju, 1997, meta l-appellant Borg inqabad hiereg mill-airport bil-flus inkriminati w xi ksur ta’ xi dispozizzjoni kwalsiasi tal Kap.101 li fuqha wiehed jista’ jibbaza akkuza ta’-“money laundering” skond il-Kap. 101,li tahtha giet kontemplata l-akkuza (g). Diga’ intqal li l-Avukat Generali seta’ ghazel li jipprocedi ghall-“money laundering” taht il-Kap. 373 kieku ried fejn l-attivita’ kriminali sottostanti setghet tkun relatata mhux biss ma delitti koperti bl-Ordinanza (Kap.101) innifisha jew specifikati fl-artikolu 3 (1) (a) tal-United Nations Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances izda ukoll ma firxa wiesgha ta’ reati kontemplati taht diversi ligijiet elenkati fit-tieni skeda tal-istess Kapitolu 373, senjatament kull delitt taht l-Ordinanza tad-Dwana , Kap. 37 u kull delitt kontra l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju ,Kap. 233, li tahthom l-appellant Borg jinsab akkuzat f’din il-kawza. U allura wiehed jifhem li kien ikun aktar facli ghalih li jistabilixxi ness prima facie bejn ir-reat tal-“money laundering” per se u l-attivita’ kriminali sottostanti . Dan pero’ ghazel li ma jaghmlux , u anki meta kien jidher car li l-provi kienu monki, fin-Nota tieghu tat-22 ta’ Jannar, 2001 (Fol. 362) rabat il-karru tieghu fir-rigward ta’ din l-akkuza ta’ “money laundering” mall-Kap.101 biss .

Ghalhekk din il-Qorti fid-dawl ta’ dak li qalet il-Qorti kollegjali tal-Appell Kriminali fuq riportat , thoss li ladarba ma saret ebda prova valida , lanqas “prima facie”, li b’xi mod torbot l-agir tal-appellant ma xi attivita’ kriminali sottostanti konnessa ma jew kontemplata fil-Kap.101 , ma ghandix tiskatta d-dispozizzjoni tas-sub-inciz (b) li tinverti l-oneru tal-prova fuq l-appellant dwar il-provenjenza tal-flus li nqabad bihom l-appellant . Ghalhekk l-Ewwel Qorti jmissha kkonstatat dan u mhux xorta wahda ghaddiet biex issib htija bl-inversjoni tal-oneru tal-prova fuq l-appellant kif ghamlet . Ried l-ewwel jigi stabilit xi ness al menu “prima facie” li juri li meta l-appellant kien qed jesporta l-flus inkrimati minn Malta kellu l-hsieb li jahbi jew jikkonverti flus li jkun jaf jew li jkollu suspett li dawk il-flus kienu miksuba direttament jew indirettament bhala rizultat ta’ xi reat kontemplat fil-Kap.101 . Dan ma sarx f’dan il-

kaz w l-provenjenza tal-flus in kwistjoni setghet kienet gejja kemm minn attivita' legali jew minn attivita' kriminali ohra li pero' ma taqax taht il-Kapitolu 101.

Konsegwentement issib dan l-aggravju tal-appellant ben fondat u ghalhekk issib li l-appellant instab hati hazin mill-Ewwel Qorti taht l-akkuza ta' "money laundering" kif akkampata taht il-Kapitolu 101 fic-citazzjoni originali u fl-artikoli tal-Avukat Generali (fol. 362).

Stante din il-konkluzzjoni din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tippronunzja ruha dwar it-tieni aspett ta' dan l-aggravju li jirrigwarda n-nuqqas ta' prova li l-flus inkriminati kienu effettivament destinati sabiex jinhbew jew jigu konvertiti fi flus jew proprjeta' nadifa.

Il-bazi tat-tieni aggravju tal-appellant li jirrigwarda s-sejbien ta' htija tal-ewwel hames akkuzi (a) sa (e) taht l-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju hi li l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova li l-appellant ma kellux permess jew awtorizzazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi .

L-appellant jissottometti li kull ma ghamlet il-Prosekuzzjoni kien li esebiet prova li l-Ministru kien iddelega lil Bank Centrali ta' Malta  bhala agent tieghu ghall-fini tal-Kap.233, pero' l-Ministru xorta wahda zamm is-setgha li jezercita l-istess poteri w funzjonijiet konguntivament mall-Bank Centrali w ghamel riferenza ghall-artikolu 2 (8) tal-Kap.223.

Illi dan is-subinciz fil-fatt jiddisponi li :-

*"(8) Il-Ministru jista' jinnomina lill-Bank Centrali biex jagixxi bhala agent ghall-imsemmi Ministru ghal xi wiehed jew aktar mill-finijiet ta' dan l-Att , izda kull nomina bhal dik tkun bla hsara ghall-ezercizzju ta' kull wahda minn dawk is-setghat mill-Ministru."*

Issa hu minnu li dan il-kliem ma jhalli ebda dubju li l-Ministru ghandu l-poter residwali li , minkejja kull delega lill- Bank Centrali , jzomm is-setgha li jezercita hu stess kull funzjoni kontemplata fl-istess ligi, pero' aggravju

identiku ghal dan tal-appellant odjern f' kaz simili gja gie trattat u deciz minn din il-Qorti diversament preseduta (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emmanuel Camilleri et" [23.11.2001] per V. De Gaetano J., illum Prim' Imhallef. ) .

Dik il-Qorti kienet irriteniet hekk :-

*"..il-Qorti hi tal-fehma li ghall-finijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 11 tal-Kap.233 , huwa bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm l-importazzjoni jew esportazzjoni (jew it-tentattiv ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni) tal-oggetti msemmija f'dawk id-dispozizzjonijiet, u huwa l-akkuzat li, jekk kien hemm il-permess relattiv , ghandu jgib dak il-permess bhala difiza . In fatti dawn iz-zewg subartikoli jistabilixxu r-regola li "…ebda persuna ma ghandha…ecc." u li ghalhekk il-permess tal-Ministru huwa l-eccezzjoni. Meta tali permess ma jkunx f' forma ta' eccezzjoni , dan ikun permess "ta' xorta generali" skond l-Artikolu 12 tal-Kap.233, permess li f'dan il-kaz jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern (ara l-Avviz Legali 9 tal-1973). Kif jinghid f'* ***Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice*** *(2001) , Sweet & Maxwell (London) 2001 :*

*"In* ***R. v. Edwards*** *[1975] Q.B. 27 , 59 Cr. App. R. 213, The Court of Appeal held that there was an exception to the fundamental rule that the prosecution must prove every element of the offence charged. The exception was "limited to offences arising under enactments which prohibited the doing of an act save in specified circumstances or by persons of specified classes or with specified qualificiations or with the licence or permission of specified authorities." (at pp.39-40,221). The court rejected the view that merely the evidential burden , and not the legal burden shifts to the accused." (para. 4-388,pagna 462.) "*

u wara li ccitat kazijiet ohra mill-**Blackstone's Criminal Practice** 2001 (Blackstone Press Ltd., (London) 2001, il-Qorti komplet biex tikkonkludu hekk fir-rigward ta' dan l-aggravju identiku li gie respint:-

*“Finalment il-Qorti tirrileva li fil-ligi taghna il-fatt li ligi timponi fuq persuna akkuzata il-piz tal-prova ta’ fatt partikolari ma jmurx kontra d-dritt fondamentali tal-prezunzjoni tal-innocenza (ara l-partita numru 1 tat-Tieni Skeda tal-Kap.319 u l-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni). “*

Illi ghalkemm din is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta ttrattat  eccezzjoni w aggravju simili ghal dan li qed jigi konsidrat biss fir-rigward tal-artiklolu 11 (1) u (2) tal-Kap.233, isegwi li dan japplika ugwalment ghall-akkuzi l-ohra li jrid iwiegeb ghalihom l-appellant odjern taht l-artikolu 4 u 5 tal-istess Kap.233 u kwindi, jekk kellu xi permess mill-Ministru tal-Finanzi , jmissu ressqu in sua difesa . Sadattant pero’ irririzulta b’mod inkonfutabbli li l-enti delegat mill-Ministru biex johrog dawn it-tip ta’ permessi skond l-Ordinanza w cioe’ il-Bank Centrali ta’ Malta , zgur li ma kienx hareg xi permess simili (Ara depozizzjoni ta’ Edmond Calleja . fol. 137 et seq. Vol. III tal-process) .

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint fir-rigward u in kwantu hu applikabbli ghall-ewwel hames akkuzi (a) sa (e) dedotti kontra l-appellant Borg.

It-tielet u l-ahhar aggravju li jinsab fir-rikors  tal-appellant Borg hu li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti u dana peress illi mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda wiehed mir-reati stipulati fl-artikoli 4 (1) , 4 (2) , 5 (1),  11 (1) u 11 (2) tal-Kap.233. Issa hawn jidher li l-appellant in parte ghandu ragun .

Kull ma jirrizulta mill-provi hu li fil-11 ta’ Gunju, 1997, wara li l-appellant kien ghadu kif ikklerja l-passaport tieghu w wara li kien ghamel ic-“checking in” tal-bagalji w tal-biljett , hu gie imwaqqaf u l-bagalji tieghu gew imfittxija peress li fl-apparat tas-sikurta’ dehru xi pakketti suspettuzi. Meta nfethu l-bagalji, nstabu tlitt pakketti mohbija qalb il-hwejjeg u meta dawn infethu fil-prezenza tal-appellant mill-ufficjali tad-Dwana w tal-Pulizija , nstab li kienu jikkontjenu kwantita ta’ dollari Amerikani . Fuq il-persuna tieghu mbaghad instabu wkoll flus f’ munita Maltija w Olandiza ,

w dana in eccess ghall-ammont li seta' jesporta ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500) bla htiega ta' awtorizzazzjoni. Illi ma gew pruvati ebda fatti materjali ohra .

Issa fil-waqt li dawn il-fatti fuq esposti jistghu possibilment jinkwadraw ruhom taht l-eventwalitajiet koperti bl-artikolu 5 (1) ,11 (1) u (2) tal-Kap.233 , kif indikat fit-tielet, fir-raba u l-hames akkuzi ( c ) (d) u (e), din il-Qorti ma tarax kif dawn il-fatti wahedhom jistghu jwasslu biex tinstab htija taht l-ewwel zewg akkuzi (a) u (b) .

Hekk ma saret ebda prova li l-appellant kien f' Malta jew barra minn Malta xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minnghand persuna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat jew li biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin li xi persuna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat . La saret il-prova ta' xi xiri jew self u lanqas li l-appellant mhux negozjant awtorizzat (ara xhieda lakonika ta' Edmund Calleja a fols. 137 u 138) . Inqas u inqas saret il-prova li il-persuna l-ohra li suppost kellu dir-relazzjoni maghha ma kienetx negozjant awtorizzat. Hawn il-ligi ma tohloq ebda prezunzjoni kontra l-appellant u hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova li gara dan bhala fatt u dan il-Prosekuzzjoni manifestament ma ghamlitux. Ghalhekk l-ewwel akkuza (a) taht l-artikolu 4 (1) ma tirrizultax pruvata w l-appellant ma kellux jinstab hati tahtha.

Dwar it-tieni akkuza (b) kontemplata fl-artikolu 4 (2), l-istess ma ngabet ebda prova li l-appellant mhux negozjant awtorizzat (ara depozizzjoni ta' Edmund Calleja a fol. 137 u 138 li jssemmi biss li skond ir-records tal-Bank Centrali ma jirrizultax li l-appellant kellu xi awtorizzazzjoni biex jesporta l-flus.) . Lanqas ingabet il-prova li l-appellant kien ghamel xi haga li tinvolvi jew li ghandha x' taqsam ma' jew li hija preparatorja ghal xiri jew self ta' xi deheb jew flus barranin minnghand xi persuna barra minn Malta , ghax il-flus barranin inkriminati kienu gja ghandu w ma kellux ghalfejn jissellifom jew jixtrihom minnghand xi persuna barra minn Malta. Lanqas ma hemm l-icken prova li hu kien ghamel xi haga preparatorja biex ibiegh jew jislef flus barranin lil xi persuna barra minn Malta . X' kien ser

jaghmel bil-flus barra tibqa’ dejjem kongettura w anki jekk wiehed jikkongettura li kien ser jiddepozithom f’bank , dan zgur ma jammontax ghal xi biegh u jibqa’ dejjem kongettura w mhux prova li skond il-ligi hawn trid issir mill-Prosekuzzjoni w ma tistax tigi prezunta.

It-tielet akkuza ( c ) hi li bi ksur tal-artikolu 5 (1) tal-istess Ordinanza , bhala persuna li ma hix negozjant awtorizzat w li kellha l-pussess jew kontroll f’ Malta fuq xi deheb jew flus barranin , naqas li joffri dak id-deheb jew flus barranin jew jara li jigu offerti ghall-biegh lil negozjant awtorizzat , kemm il-darba il-Ministru ma jkunx tah il-kunsens biex izommhom u juzhom jew jekk ma jkunx iddispona minnhom favur xi persuna ohra bil-permess tal-Ministru .

Issa d-difiza hawn qed targumenta li skond il-gurisprudenza l-appellant kellu jaghmel tali offerta fi zmien xieraq skond l-artikolu 5 (4) u li x’ jikkostitwixxi dan iz-zmien xieraq tiddeciedieh il-Qorti kif gie deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fl-**Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Winston Zahra**” u li zmien xieraq huwa zmien sahansitra ta’ tlitt xhur kif gie deciz minn din il-Qorti fl-**Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Joseph Vassallo” [20.5.1993].**

Pero’ din il-Qorti ghalkemm taqbel perfettament ma dak li gie deciz fis-sentenzi citati mid-difiza , tara li f’ dan il-kaz, non si trattatava ta’ xi kaz genwin ta’ persuna li irceviet flus barranin u indugiat sija pure ghal xi xhur biex toffrihom lil xi negozjant awtorizzat . Jidher car li bil-fatt li dawn il-flus barranin kienu ser jigu esportati barra minn Malta w effettivament l-appellant kien gja ghadda mill-passport control u dahal f’zona tal-ajruport fejn hu maghruf li ma hemmx facilitajiet bankarji jew ta’ cangira awtorizzati, li hu ma kellu ebda intenzjoni li joffri tali flus lil negozjant awtorizzat f’ Malta. Hekk hawnhekk l-appellant ma jistax ragonevolment jinvoka li kien ghadu ma ghaddiex iz-zmien xieraq biex joffri il-flus barranin lil xi negozjant awtorizzat ghax ma saritx il-prova ta’ meta kienu gew f’idejh . Hawn kien jidher car li sakemm dam f’Malta ma ghamilx dak li kellu jaghmel u li – kif taw prova l-fatti rizultanti - ma kellu ebda intenzjoni li jaghmlu tant li

kieku ma giex intercettat , il-flus barranin kienu ser joghosfru minn Malta.

Ghalhekk fil-fattispecji tal-kaz , mic-cirkostanzi w provi kollha ndizjarji akkompanjanti , l-Ewwel Qorti setghet taghmel l-apprezzament tal-fatti li ghamlet u ssib htija taht din l-imputazzjoni kif fil-fatt ghamlet . Din il-Qorti ma tarax li ghanha tiddisturba ghalhekk l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni . Ergo dan l-aggravju ma jreggix fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ( c ) .

Il-fatti rizultanti juru ukoll b'mod inkonfutabbli li l-appellant kien ittenta li jesporta barra minn Malta xi biljetti tal-flus li kienu valuta legali f' Malta bi ksur tal-art. 11 (1) u flus barranin bi ksur tas-sub-inciz (2) tal-istess artikolu. Hu kien fil-fatt ghadda mill-passport control u kieku ma giex imwaqqaf meta kien ghaddej mis-security check tal-"hand luggage" li wera pakketti suspettuzi, hu kien jibqa' tiela fuq l-ajruplan ghall-Amsterdam fl-Olanda. Hawn jirrikorru l-elementi kollha tat- tentattiv u cioe' il-hsieb li jigi kommess id-delitt , il-manifestazzjoni ta' dan il-hsieb b'atti esterni , il-bidu tal-esekuzzjoni w n-non-konsumazzjoni minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tal-persuna koncernata , kif irriteniet din il-Qorti fil-kaz identiku ghal dan gja fuq citat **: "Il-Pulizija vs. Emmanuel Camilleri et."** . Ghalhekk l-aggravju tal-appellant li ladarba l-appellant twaqqaf qabel ma hareg mill-pajjiz , allura zgur li ma kien hemm ebda esportazzjoni u wisq inqas importazzjoni , ma jreggix ghaliex l-akkuza kif korretta kienet wahda li ittenta jesporta w skond l-artikolu 39 tal-Kap.233 it-tentattiv u l-konsumazzjoni tar-reati kontra l-Ordinanza huma wgwalment punibbli .

Illi rrizulta li fiz-zmien tal-kommissjoni taz-zewg reati (d) u (e) kontra l-Kap.233 , kienet tapplika restrizzjoni fuq l-ammont li seta' jigi esportat minghajr xi awtorizzazzjoni specjali w dan kien ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500) (fol. 137), hu ovvju li l-ammont komplessiv li l-appellant kien ittanta jesporta kien ferm akbar minn dan jekk wiehed iqis l-ammont tal-munita lokali w estera li kellu fuqu w fil-valiggja w r-rati tal-kambu applikabbli f' dak il-

jum (fol. 394) . Ghalhekk jirrizultaw l-elementi kollha mehtiega w l-Ewwel Qorti kienet gustifikata li fl-apprezzament ta’ fatt li ghamlet , issib htija ta’ dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet koperti bil-kapitolu 233.

Illi ghalkemm fir-rikors tal-appell tieghu , l-appellant Paul Borg ma ressaq ebda ilment dwar il-piena “ut sic” , kemm fil-kors tat-trattazzjoni orali kif ukoll fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu hu ressaq diversi ragunijiet ghala il-piena kienet wahda zbaljata w eccessiva . Illi l-Avukat Generali fin-nota tieghu jobbjetta li galadarba aggravju f’dan ir-rigward bl-ebda mod ma ngab mill-appellant fil-kors tar-rikors tal-appell tieghu , ma setax umbaghad iqajjem tali aggravju fil-kors tat-trattazzjoni orali tieghu .

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-**Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Nicholas Debono** [30.9.1994] , il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tistax tikkonsidra difizi li ma gewx espressament imqajjma bhala aggravji fir-rikors ta’ appell ghax altrimenti tkun qed teludi u ggib fix-xejn il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali. Mill-banda l-ohra pero’ hu ovvju li fejn din il-Qorti ma tirriskontrax htija ghall-akkuza jew akkuzi partikolari w b’hekk tvarja s-sentenza appellata fejn tkun hekk sabet htija, dan necessarjament ikun irid jigi rifless fil-piena , anki jekk appell dwar il-piena ma jkunx sar .

Issa f’dan il-kaz partikolari pero’ l-appellant qed jargumenta li ghall-fini tal-piena ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-Avviz Legali 419 tal-2002 li dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar, 2003 u cioe’ fil-mori tal-appell u wara l-prezentata tar-rikors tal-appell tieghu . Dan l-Avviz Legali jgholli il-massimu tal-munita estera li persuna residenti f’ Malta tista’ zzomm ghall LM20,000.

Illi l-appellant ghalhekk jargumenta li hu ma setax jinkludi dan bhala wiehed mill-aggravji fir-rikors tal-appell tieghu . Inoltre hu jinvoka l-artikolu 27 tal-Kap 9 li jghid :-

*“Jekk il-piena stabilita mill-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma*

*jkunux xorta wahda , ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi. “*

Ghalhekk isostni l-appellant mill-ekwivalenti tal-ammont fi flus barranin li gew elevati minnghand l-appellant irid jintnaqqas l-ammont ta’ LM20,000 li fi kwalunkwe kaz issa saru ezenti bis-sahha tal-Avviz legali fuq referit u konsegwentement il-multa kellha tigi komputata biss fuq id-differenza w ghalhekk jidher car li din tezorbita l-massimu permess mill-ligi. Jghid ukoll li f’kaz li ma tinsabx htija taht il-Kap.101, ikun aktar gust u ekwu li l-Qorti tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex ma tinfliggix il-konfiska galadarba ma tibqax aktar tassattiva w in vista tar-rilassar li sar taht il-Kap.233 bl-avviz legali fuq imsemmi.

Il-Prosekuzzjoni pero’ tobbjetta li skond l-artikolu 12 (1) (d) u (e) tal-Kapitolu 249 l-Avviz Legali fuq imsemmi ghandu jigi skartat ghall-fini tal-kaz odjern. Skond il-proviso tal-artikolu 41 tal-Kap.233 il-Qorti tista’ tikkomputa multa sa tlitt darbiet l-ammont jew valur tal-flejjes konfiskati .

Issa bhala fatt , l-ammonti f’munita estera elevati minnghand l-appellant kienu jikkonsitu f’ USD 81,000 ekwivalenti ghall-LM31,094 bir-rata tal-Kambju ta’ USD 2.6050 ghal kull lira Maltija u 1010 Dutch Guilders ekwivalenti ghall LM201.07c bir-rata tal-Kambju ta’ 5.0230 Dutch Guilders ghal kull lira Maltija. (Fol. 394) . Dan igib ammont komplessiv ta’ flus barranin ekwivalenti ghall-LM31,295.07c . F’kull kaz ghalhekk l-ammont ta’ flus li l-appellant kien qed jittanta johrog minn Malta kien jeccedi dak permess mill-ligi kif inhi illum bi LM11,295.07c u ghalhekk anki jekk kellha tigi applikata multa ta’ tlitt darbiet fuq dan l-eccess biss, il-multa massima li setghet tapplika l-Ewwel Qorti skond il-Kap.233 ghal dawn ir-reati kienet ta’ LM33,885.21c. li hija akbar minn dik ta’ LM31,522 li effettivament ikkundannat lill-appellant ghaliha. Ghalhekk, salv dak li ser jinghid aktar l-isfel f’din is-sentenza dwar il-konkors formali li jkun jezisti jekk jirrizulta li l-istess fatti jkunu jammontaw ghal reati taht ligijiet differenti , l-multa nflitta mill-Ewwel Qorti , fl-aqwa ipotesi ghall-appellant , anki kieku kellu jigi applikat favur

tieghu l-Avviz Legali fuq imsemmi, tibqa' xorta entro l-parametri legali.

Pero' kif intqal aktar il fuq, ladarba din il-Qorti ma rriskontratx htija tar-reat ta' "money laundering" taht il-Kap.101 kif kontemplat taht is-seba imputazzjoni (g) u tar-reati dedotti fl-ewwel zewg imputazzjonijiet kontemplati fil-Kapitolu 233 , hemm lok ghall-temperament sostanzjali fil-piena kif ser jintqal aktar 'l isfel f' dis-sentenza .

Qabel ma tghaddi biex tikkonkludi dwar l-appell tal-appellant Borg , il-Qorti necessarjament pero' trid tikkonsidra l-implikazzjonijiet tal-appell tal-Avukat Generali .

Illi l-ewwel ilment tal-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu hu li l-Ewwel Qorti kienet erronjament illiberat lill-appellat Borg mill-imputazzjoni migjuba kontrieh taht l-Ordinanza tad-Dwana. Dan ghaliex meta l-projbizzjoni jew restrizzjoni fl-importazzjoni jew esportazzjoni ta' oggetti jinvolvu flus , l-artikolu 16 (1) u (2) tal-Kap.233 hu certament applikabbli . Argumenta li analasi akkurata tal-imsemmija dispozizzjoni ghandha twassal ghall-interpretazzjoni legali korretta li effettivament il-flus huma komprizi fid-definizzjoni ta' oggetti ghall-iskop tal-Ordinanza tad-Dwana. Saret ukoll riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-**Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Mary Rose Zammit**" [6.2.1992].

Issa l-artikolu 16 tal-Kap. 233 u cioe' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju , jiddisponi li :-

*(1) "Il-ligijiet dwar id-dwana ghandhom , bla hsara ta' kull addattamenti w modifiki li jistghu jigu preskritti , japplikaw dwar kull haga li hi projbita li tigi importata jew esportata b' xi jew skond xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att kif japplikaw dwar oggetti li huma projbiti li jigu importati jew esportati b' xi jew skond xi wahda mill-imsemmija ligijiet , u kull riferenza fl-imsemmija ligijiet ghall-oggetti ghandha tiftiehem li tinkludi riferenza ghal kull haga li hi projbita li tigi importata jew esportata b' xi jew skond xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-att ."*

*(2) Riferenzi f'dan l-artikolu ghal ligijiet dwar id-dwana ghandhom jitqiesu li jinkludu riferenzi ghall-Ordinanza tad-Dwana , u ghall-artikoli 12, 13 u 14 ta' l-Att dwar l-Ufficcju tal-Posta."*

Illi l-appellat Borg isostni li flus ma jaqghux taht id-definizzjoni ta' oggetti kif kontemplata fl-Ordinanza tad-Dwana (Kap37) u l-Ewwel Qorti jidher li segwiet ukoll dan il-koncett fis-sentenza appellata meta rriteniet li
*"Flus mhumiex oggett jew oggetti ta' merkanzija u mhumiex assoggettati ghal dik l-Ordinanza izda regolati taht il-ligi tal-Kambju (kap233)."*

Pero' kif tajjeb irrileva l-Avukat Generali dan il-punt diga' gie deciz espressament minn din l-Onorabbli Qorti diversamnent preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Mary Rose Zammit** " [6.2.1992] u implicitament fl-**Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Said**" [9.10.1998]. Hekk fl-ewwel sentenza fejn il-fattispecji tal-kaz kienu simili ghall-kaz in dizamina w fejn l-appellanti f'dik il-kawza kienet fid-Departure Lounge ta' l-Airport ta' Hal Luqa w kellha fil-pussess taghha dollari Amerikani in eccess ta' l-ammont stipulat bil-ligi bla ma kellha d-debitu permess tal-Ministru  jintqal car u tond li :-

*"b'dan il-fatt wiehed l-appellanti vvjolat l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Kambju (kapitolu 233) u l-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37) . Din l-Ordinanza tapplika fir-rigward ta' "oggetti" li mhumiex flus . Pero' fl-artikolu 16 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju , il-Kapitolu 233 , jaghmel dik l-Ordinanza applikabbli dwar anki flus li l-esportazzjoni taghhom hija projbita ."*

Fit-tieni kaz fuq citat gie implicitament accettat li l-importazzjoni ta' flus Maltin f' Malta fl-ajruport in eccess ghas-somma preskritta bil-ligi kien ukoll jivvjola kemm il-Kap.37 kif ukoll il-Kap.233 , ghalkemm il-punt li gie deciz kien aktar jikkoncerna liema piena kienet applikabbli ghall-kaz u cioe' jekk hux dik taht l-Ordinanza tad-Dwana jew dik taht l-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju .

Ghalhekk ghalkemm l-aggravju tal-Avukat Generali fis-sustanza jidher li hu gustifikat , dan ma ghandux pero' iwassal necessarjament biex tigi applikata xi piena aktar harxa , ghax kif gie ritenut f' din l-ahhar sentenza ta' Raymond Said, meta jkun hemm konkors formali ossia ideali bejn ir-reat taht l-Ordinanza tad-Dwana u r-reat taht il-Kap. 233 , il-gurisprudenza taghna dejjem irrikonnoxxiet li jkun hemm l-assorbiment tar-reat l-anqas gravi f'dak l-aktar gravi , b'mod li ghalhekk li l-persuna misjuba hatja ghandha twiegeb biss ghal dak ir-reat l-aktar gravi. F'dik is-sentenza umbaghad gie ritenut li ladarba "dazju ma hemmx fuq il-flus" , hu evidenti li l-piena l-aktar gravi hi dik preskritta fil-Kap.233 fejn il-multa f' kaz bhal dan tista' tkun mhux aktar minn TLITT DARBIET il-valur tal-flus in kwistjoni w mhux dik preskritta fil-kap. 37 fejn il-piena pekunjarja hija "the aggregate of the amount of duty payable on the goods and DOUBLE the value of the goods." Dan ghaliex il-piena massima karcerarja ta' sentejn prigunerija hija identika taht iz-zewg kapitoli w fiz-zewg kapitoli tista' tigi applikata jew il-piena pekunjarja wahedha , jew il-piena ta' prigunerija wahedha jew it-tnejn flimkien. Din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li , in vista tal-konkors formali fuq imsemmi, ghal dak li jirrigwarda piena , kienu applikabbli biss id-dispozizzjonijiet tal-Kap.233 .

Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa fondat biss in kwantu l-Ewwel Qorti jmissha ukoll sabet htija taht l-artikolu 62 tal-Kap.37 , izda mhux ukoll fondat in kwantu dan necessarjament jimporta li kellha tinghata xi piena ohra ghall-dan il-ksur tal-ligi "ut sic" billi r-reati kontemplati taht l-Ordinanza tad-Dwana ghal fini ta' piena jigu assorbiti f'dawk taht il-Kap.233.

Illi dwar it-tieni ilment tal-Avukat Generali il-principji li jirregolaw il-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tal-perizji gew magisterjalment riassunti fis- sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Trevor Farrugia**" tad-29 ta' Jannar , 1996. F 'dik is-sentenza l-Qorti kienet ukoll iccitat b'approvazzjoni sentenzi ohra w cioe' "**Il-Pulizija vs. Saverio Micallef"** [22.9.1993]; u sentenzi tal-Qorti Kriminali fil-kawzi "**Ir-Repubblika ta'**

**Malta vs. Joseph Calleja**” [9.11.1995] u **“L-Maesta’ Tieghu ir-Re vs. Vincent Cacciottolo**” [6.4.1948] , u fejn fl-ahhar wahda ntqal testwalment :-

*“Il-ligi kriminali ..thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li l-kundanna tkun ghall-ispejjez kollha jew ghal parti minnhom biss;*
*“Illi certament fl-ezercizzju ta’ din id-diskrezzjoni , l-Qorti ghandha tkun gwidata minn certi kriterji ;…*
*“Illi r-riflessjonijiet li jidher li ghandhom isiru in linea ta’ massima , dwar din il-materja , huma x’aktarx dawn : (a) ix-xorta w cirkostanzi kollha tad-delitt ; (b) jekk l-ispejjez tal-perizja jkunux ta’ xorta tali li aktarx jikkonnettu ruhom mall-accertament tal-“in genere” , fis-sens li kienu dejjem isiru anki apparti l-process kontra l-akkuzat , taht l-art. 540 et seq. Kap.12 jew jekk jikkonnettux ruhom anki mar-responsabilta’ ta’ l-akkuzat partikolari w ta’ x’hiex ghandu jirrispondi ; ( c ) jekk il-prova peritali kienetx assolutament necessarja , jew setghetx ma ssirx , jew issir aktar ekonomikament , kwante volte kien hemm xi estensjoni mhux tant gustifikata tal-inkariku.”*

Issa umbaghad intqal fis-sentenza **“Republika ta’ Malta vs. Joseph Calleja**” fuq citata, li meta l-Qorti tal-Magistrati tikkonferma l-esperti nominati ghall-finijiet tal-inkjesta dwar l-“in genere” , tali konferma ghandha titqies bhala nomina gdida . F’kaz simili , dak li wiehed irid jara hu (1) jekk dawk l-esperti jkunux lahqu rrelataw fil-proceduri tal-inkjesta jew , jekk minnhabba li l-inkjesta tkun inghalqet, (2) ikunux irrelataw fil-proceduri tal-istruttorja jew tal-kawza proprja, igifieri fil-kontradittorju . Huwa biss f’din it-tieni ipotesi li l-ispejjez inkorsi fil-perizja li tkun jistghu jinkwadraw taht l-artikolu 533 (1) tal-Kodici Kriminali u f’ din l-ipotesi l-gudikant ghandu jimxi skond il-kriterji ndikati fis-sentenza **Cacciotolo .**

Issa fil-kaz in ezami l-inkjesta nghalqet mill-Magistrat Dr. C. Peralta fit-23 ta’ Gunju, 1997 (fol. 105) u sa dak in-nhar hadd mill-esperti nominati fl-inkjesta ma kien lahaq irrelata. L-esperti kollha rrelataw fil-kors tal-kompilazzjoni w wara d-data li ghalqet l-inkjesta.

L-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu ghamel riferenza partikolari ghar-relazzjonijiet peritali li jinsabu a fols. 38, 61, 165 u 181 tal-process . Illi l-ewwel relazzjoni li tinsab a fol. 38 et seq. tal-process hija dik tal-Ispizjar Mario Mifsud , li giet mahlufa fil-kors tal-kumpilazzjoni (fols. 36 u 37 u 128). Issa ghalkemm dan l-espert qal fix-xiehda tieghu li hu kien gie nominat mill-Magistrat Dr. C. Peralta waqt l-inkjesta , fil-process verbal tal-istess inkjesta li inghalqet hesrem (fols 104 sa 109) l-Ispizjar Mifsud ma hux wiehed mill-esperti msemmija mill-Magistrat Inkwirenti bhala dawk nominati minnu.Illi skond verbal tal-24 ta' Gunju, 1997, (fol. 17) il-Qorti – din id-darba preseduta mill-Magistrat Dr. T. Micallef Trigona li prresjeda fil-kumpilazzjoni w ddecieda l-kaz fl-ewwel istanza - kkonfermat il-hatra tal-esperti kif mahtura fl-atti tal-inkjesta numru 618/97 immarkata Dok. GG. Izda kif intqal l-Ispizjar Mifsud ma hux wiehed mill-esperti msemmija mill-Magistrat Inkwirenti bhala dawk nominati minnu waqt l-inkjesta . Lanqas ma jirrizulta pero' li hu gie nominat fil-kors tal-kumpilazzjoni . Hi kif inhi dir-relazzjoni tirrigwarda ezamijiet ghall-kokaina w eroina fuq mizien tal-metall , pipa, bicca drapp, karti tal-brim tas-sigarretti tad-ditta Gizeh u kaxxa tas-suffarini vojta li kienu gew elevati mill-kcina / living room tal-appellat Paul Borg. L-espert kien ikkonkluda li f' dawn l-oggetti ma kien hemm ebda sustanzi illegali . Ghalhekk , apparti li ma jirrizultax li dan l-espert gie nominat waqt il-kumpilazzjoni w del resto lanqas jirrizulta li kien wiehed mill-esperti nominati waqt l-inkjesta, l-utilita' ta' din il-perizja fir-rigward ta' din il-kawza tidher skarsa ferm anki kif jidher mir-rizultat taghha . Ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew li ma akkollatx l-ispejjez taghha lill-appellat Borg.

Illi l-perizja a fol.61 et seq. hija biss parti mir-relazzjoni li tibda a fol. 47 sa 60 u tkompli minn fol. 61 sa 74 a tergo tal-process hija dik tas-"scene of crime officers" PS 198 Arthur Debattista u PC 644 Guan Camilleri . Dawn kienu gew nominati waqt l-inkjesta (fol. 106) u allura konfermati kif fuq intqal bid-digriet tal-24 ta' Gunju, 1997 , moghti fil-kumpilazzjoni . Dawn halfu r-relazzjoni taghhom konsistenti f' faxxikolu ta' fotografiji tal-flus u pakketti elevati fil-kors tal-kumpilazzjoni w wara li kienet inghalqet

l-inkjesta ( fol. 44 sa 46 tal-process). Peress li dawn irrelataw fil-kors tal-kumpilazzjoni , ghax l-inkjesta kienet inghalqet, l-ispejjez tar-relazzjoni taghhom jistghu w ghandhom fil-fehma ta’ din il-Qorti jinkwadraw taht l-artikolu 533 (1) , kif fuq intqal. L-ezercizzju li sar minn dawn iz-zewg periti kien altru milli utili w rilevanti ghall-konservazzjoni tal-provi biex dawn umbaghad setghu jitressqu kontra l-akkuzat . Ma jidhirx pero’ li dawn l-ispejjez gew intaxxati fil-process s’issa almenu.

Il-perizja a fol. 165 sa 178 hija r-relazzjoni ta’ PS 673 Joseph Mallia minnu mahlufa fil-kors tal-kumpilazzjoni (Fol. 163 sa 164) u tirrigwarda l-impronti digitali. Anki dan l-espert kien gie nominat waqt l-inkjesta magisterjali (fol. 106) u allura konfermat fil-kors tal-kumpilazzjoni bid-digriet tal-24 ta’ Gunju, 1997 (Fol. 17) . Dan l-espert ma lahaqx xehed waqt l-inkjesta li inghalqet u seta’ allura jikkonferma r-relazzjoni tieghu biss waqt l-kumpilazzjoni . Anki din il-perizja tidher li kienet utili w rilevanti ghall-kaz kontra l-appellat Borg u allura setghet tinkwadra taht l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9. Ma jidhirx li dawn l-ispejjez gew intaxxati fil-process s’issa pero.’

Illi r-relazzjoni a fol.181 li ghaliha saret ukoll riferenza fir-rikors tal-Avukat Generali hija dik tal-Avukat Dr. Vincent Galea li fil-fatt gie nominat waqt il-kumpilazzjoni mill-Magistrat Dr. Carol Peralta fil-bidu tal-kumpilazzjoni meta saret il-prezentata . (Fol. 11) u giet minnu konfermata ukoll fil-kors tal-kumpilazzjoni (fols. 179 u 180) u tittratta investigazzjonijiet dwar l-assi tal-appellat . Ghalhekk ma hemmx dubju li din zgur li tinkwadra entro l-artikolu 533 (1) . Id-dritt tal-espert Dr. Galea gie ntaxxat fl-ammont ta’ LM246.75c a fol. 22 a tergo tal-process. Din il-perizja hija pero’ rilevanti biss in konnessjoni mas-seba’ mputazzjoni ndikata bl-ittra (g) u li tirrigwarda l-hasil ta’ flus bi ksur tal-artikolu 22 tal-Kap.101 u mat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tissekwestra f’idejn terzi b’mod generali il-flejjes u proprjeta’ mobbli kollha li huma dovuti lil jew li jmissu lill-appellat jew huma proprjeta’ tieghu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-appellat milli jittrasferixxi jew xort’ ohra jiddisponi minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli. Illi in vista tal-konkluzzjoni fuq raggunta li l-

appellat Borg ma ghandux jinstab hati ta’ dan ir-reat , din il-Qorti ma thossx li l-appellat Borg ghandu jigi akkollat bl-ispejjez ta’ dil-perizja .

Perizja ohra li ma ssemmietx espressament fir-rikors tal-Avukat Generali hija dik tal-Arkitett u Inginier Civili Richard Aquilina. Anki dan l-espert inhatar fil-kors tal-Inkjesta Magisterjali (fol. 106) izda halef ir-relazzjoni tieghu fil-kors tal-kumpilazzjoni. (fol. 116 u 117) . Din ir-relazzjoni fiha deskrizzjoni qasira hafna tal-post fejn instabu tlitt pakketti bil-flus fl-ajruport internazzjonali ta’ Malta w rezume’ qasir hafna tax-xhieda li ddeponew quddiemu.  Id-drittijiet u spejjez tal-Perit Aquilina kienu gew intaxxati fl-ammont ta’ LM36.75c (Fol. 121 a tergo). Fil-fehma ta’ din il-Qorti , din in-nomina ftit li xejn kellha utilita’ ghaliex il-perit ma rrelata fuq ebda materja teknika jew specjalizzata. Lanqas biss ipprezenta xi pjanta tal-lokal kif solitu jsir u il-gbir tax-xhieda seta’ sar facilment mill-Magistrat Inkwirenti jew mill-Ispettur u ma kienx hemm il-htiega li jigi nominat perit arkitett ghal dan l-iskop. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti , din il-perizja ma tissodisfax il-kriterji enuncjati fil-gurisprudenza fuq citata biex tinkwadra ruha taht l-artikolu 533 (1) tal-Kap.9.

Ghalhekk dan l-ilment tal-Prosekuzzjoni jidher gustifikat biss in kwantu jirrigwarda l-perizji tal-esperti PS Debattista, PC Camilleri u PC Mallia .

Ghaldaqstant , u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell tal-appellant Paul Borg billi tilqghu limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha in kwantu sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni w tas-seba imputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghal tlitt snin prigunerija w ordnat il-konkiska tal-flus kollha elevati w tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tat-tielet, tar-raba w tal-hames imputazzjoni w kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ LM31,522.

Tilqa’ wkoll l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn iddikjarat lill-appellat Paul Borg mhux hati tas-sitt imputazzjoni  (f)  u minnflok tiddikjarah hati tal-istess u in

kwantu l-appellat Paul Borg kellu jigi kundannat ukoll ihallas l-ispejjez ta’ uhud mill-perizji kif fuq intqal , tichad l-istess appell in kwantu talab li tigi nflitta xi piena aktar gusta w li taghmel ghall-kaz fid-dawl ta’ dan is-sejbien addizzjonali ta’ htija , specjalment fid-dawl li l-piena li l-ligi timponi li ghandha tigi nflitta skond l-artikolu 62 tal-Kap.37.

U ghalhekk qed tiddisponi miz-zewg appelli definittivament b’ dan li qed tiddikjara lill-Paul Borg mhux hati tal-ewwel , tat-tieni w tas-seba imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu izda hati biss tat-tielet , ir-raba , l-hames u s-sitt imputazzjoni , w konsegwentement tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn sospiza ghall-periodu ta’ erba snin a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ghall-hlas ta’ multa ta’ LM31,522 u tordna l-konfiska biss tal-flus elevati in eccess ghall-ammont globali li hu seta’ johrog minn Malta fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat u inoltre tordnalu jhallas fir-Registru ta’ din il-Qorti biss l-ispejjez tal-perizji ta’ PS Debattista, PC Camilleri u PC Mallia, jekk u meta dawn jigu ntaxxati w fi zmien hmistax il-jum minn meta jigi hekk mitlub li jaghmel dan .

U f’ kaz li l-multa ma tigix imhallsa fi zmien xahar mil-lum tigi konvertita f’ terminu ta’ tmintax il-xahar prigunerija skond il-ligi a tenur tal-artikoli 11 u 14 tal-Kap. 9 .

Il-Qorti spjegat lil Paul Borg l-import tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza bi kliem car u fehmitu r-responsabilta’ tieghu skond l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija a tenur tal-artikolu 28A (4) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------